**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' Mejju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Sayfedine Bonavia**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sayfedine Bonavia ta' 18-il sena, iben Clyde u Wafaa nee Saadan, imwieled tal-Pieta nhar il-11 t' Awwissu 2003 residenti Jofgal Courts Flat 2B Triq il-Kavetta San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 295103L

Akkuzat talli nhar l- 21 ta' Novembru 2021 fil- hinijiet ta' filghodu, f' San Pawl il-Bahar:

1. Bil-hsieb li jokkometti d-delitt ta' ferita gravi wera dan bil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt li tali delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga

accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu, dan ghad-dannu ta' Sammy Alwakil, bi ksur tal- Arikolu 41(1)(a), 217 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' Sammy Alwakil f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta' natura hafifa u li giet maghmula bi strument li jaqta jew iniggez, bi ksur tal- Artikolu 221(2) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Akkuzat ukoll li fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi zamm fil-pusses tieghu, garr il-barra minn xi fond jew d'intorni tieghu, sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta' liema xorta hija minghajr il-licenzja jew permess tal- Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal- Artikolu 6 tal- Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjamnet kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

5. Akkuzat ukoll talli fid- data, lok, hin u cirkustanzi imsemmija qabel, ikkometta reat waqt il- perjodu operattiv ta' probation u dan ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta deciz nhar it-13 ta' Gunju 2020 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmi Sammy Alwakil u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il- kawteli li din il- Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkonsidra lill-akkuzat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 t'Ottubru 2022 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

   1. Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   2. Fl-Artikoli 214, 215, 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   3. Fl-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
   4. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   5. Fl-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
   6. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   7. Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigi trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u rat li d-difiza ma ipprezentatx nota ta' sottomissjonijiet risponsiva fit-terminu lilha moghti.

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   (i) Fil-21 ta' Novembru 2021 ghall-habta tat-3.00a.m., l-imputat irraporta fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra li kien ghadu kif gie aggredit quddiem l-istabbiliment Velvet Lounge fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar. Huwa qal li kellu argument ma' certu Sammy Alwakil, u li dan Alwakil kien aggredieh b'sikkina ta' madwar tletin centimetru (30cm), kif ukoll tah daqqa ta' ponn fuq wiccu. Huwa ippreciza li x-xafra tas-sikkina ma ntuzatx fuqu, pero kien qala' daqqa bil-manku taghha fuq spalltu n-naha tax-xellug.

(ii) Meta ftit granet wara l-Pulizija ghamlet kuntatt ma' Sammy Alwakil, li qal li wara l-incident li kellu mal-imputat quddiem il-Velvet Lounge, huwa telaq minn fuq il-post. Meta kien fi Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar, l-imputat aggredieh habta u sabta b'mus u ipprova jolqtu f'wiccu. Imbaghad l-imputat prova jolqtu f'zaqqu u huwa pprova jilqghalu b'idejh tal-lemin. Il-mus dahal fuq in-naha ta' fuq ta' idejh tal-lemin. Meta l-imputat ra d-demm, hu telaq jigri minn fuq il-post. Sammy gie certifikat minn tabib li kellu qatgha ta' circa centimetru f'idejh, li giet deskritta bhala wahda ta' natura hafifa. Apparti din il-ferita, ic-certifikat mediku jghid li kellu xi grif fuq gismu.

(iii) Minn investigazzjonijiet ulterjuri li saru mill-Ufficjal Investigatur irrizulta li l-imputat u Sammy Alwakil trabbew flimkien qishom ahwa u l-motiv li wassal ghal dawn l-incidenti kien *love triangle* ma' tfajla Clara Farrugia, li l-ewwel kienet tohrog ma' Alwakil u mbaghad bdiet tohrog mal-imputat.

(iv) Wara li tlestew l-investigazzjonijiet, il-Pulizija ikkonkludiet li kemm l-imputat kif ukoll Alwakil ghandhom jitressqu l-Qorti sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

8. Mill-atti jirrizulta li hemm xejn inqas minn seba' (7) verzjonijiet tal-incident in kwistjoni: il-verzjoni li ta' l-imputat bl-ewwel rapport tieghu, il-verzjoni ta' Alwakil lill-Pulizija, l-istqarrija rilaxxat mill-imputat, ix-xhieda ta' Alwakil, ix-xhieda ta' Clara Farrugia, ix-xhieda ta' Wafaa Sadan omm l-imputat, ix-xhieda ta' Fatima Warfah, omm Alwakil, u x-xhieda tal-imputat stess.

9. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hija sodisfatta li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Clara Farrugia u Sammy Alwakil fix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri hija dik l-iktar kredibbli. Skond din il-verzjoni, Farrugia u l-imputat kienu ghal kwiet jiehdu drink il-Velvet Lounge, meta gie Alwakil. L-imputat hareg ikellmu u spiccaw gew fl-idejn, tant li kellhom jifirduhom in-nies. Alwakil telaq ghal rasu fil-waqt li l-imputat dahal lura il-Velvet Lounge, pero ftit hin wara l-imputat qabad u telaq mill-istabbiliment,

minghajr ma qal lil Farrugia fejn kien sejjer. Farrugia marret fl-istabbiliment Babylon, Bugibba stess, fejn regghet iltaqghet mal-imputat u staqsietu kienx kollox sew. Huwa wiegibha *"jien dejjem all right"*, gholla l-gakketta tieghu mill-genb u rat sikkina mdahhla gol-qalziet tieghu. L-imputat hareg minn dan l-istabbiliment, u hija harget warajh izda ma ratux fit-triq. Minflok fit-triq rat lil Alwakil b'sikkina tal-kcina f'idu. Hi qaltlu biex ma jaghmilx kummiedji, u haditu id-dar t'ommu, li toqghod ftit il-fuq, u hu taha s-sikkina lil ommu. Alwakil qabad u telaq mid-dar ta' ommu minghajr ma kellem lil hadd. Farrugia regghet marret tfittex lil Alwakil u sabitu fit-triq tal-istabbiliment Babylon, b'ferita lejn in-naha tal-minkeb t'idu. Alwakil qalilha li l-imputat kien hareg minn wara cint, u ipprova itih b'sikkina, u laqghalu b'idu.

10. Wara dan l-incident, Farrugia pruvat tikkuntattja lill-imputat minn fuq Instagram biex tara x'gara. Huwa ikkancella l-voice messages li kien baghtielha jispjegalha x'gara, pero meta kellmuha l-Pulizija kien ghad fadlilha chats li hi baghtet lill-imputat fejn qaltlu li kienet marret tfittxu Alwakili ried itih, li kienet hadet is-sikkina minn id Alwakil, ghax omm Alwakil qaltilha biex taghmel hekk. Screen shot ta' din ic-chat ittiehdet mill-Ufficjal Prosekutur mill-mobile ta' Farrugia waqt l-investigazzjoni tieghu, u din l-iscreen shot giet ikkonfermata bil-gurament minn Farrugia.[1]

11. Fix-xhieda tieghu Alwakil qabel in sostanza max-xhieda ta' Farrugia. Hu ta iktar dettalji dwar il-mod kif l-imputat kien aggredieh b'sikkina. Xehed li din kienet tip ta' sikkina tal-hobz imma kienet bil-ponta, b'xafra ta' xi tletin (30) centimetru. Jghid li l-ewwel ipprova jtieh daqqa biha go nofs wiccu, imbaghd prova jaghtih daqqa go zaqqu. Alwakil prova jilqa' d-daqqa b'idejh it-tnejn, u s-sikkina dahlet fil-minkeb t'idu l-lemin. Skond Alwakil, meta hu u l-imputat kellhom xi jghidu ftit qabel quddiem il-Velvet Lounge, kien l-imputat li tah daqqa ta' ponn l-ewwel u jghid ukoll li fil-qalziet tieghu, l-imputat kellu imdahhla sikkina ta' cirka l-istess qies, ghax jghid li hassha tniggzu f'koxxtu waqt li kienu fizikament imqabbdin go xulxin. Pero mhux kontestat li dak il-hin l-imputat ma uzax is-sikkina.

12. Min-naha l-ohra quddiem din il-Qorti, l-imputat xehed li quddiem il-Velvet Lounge Alwakil kellu hadida u tah daqqa biha u laqtu fuq spalltu tal-lemin. Hu jghid li wara l-glieda quddiem il-Velvet Lounge mar id-dar ghand ommu, imbaghad rega' hareg u mar

---

[1] Ara fol. 34 tal-process.

hdejn il-bahar in-naha tal-pjazza ta' Bugibba. Ommu cempiltlu li Alwakil kien qieghed jghajjat hdejn id-dar taghhom u kellu sikkina f'idu. Jghid ukoll li ommu qaltlu li mieghu kien hemm Clara Farrugia u omm Alwakil. Imbaghad regghet cemplitlu ommu u qaltlu li kienet gejja ghalieh bil-karozza, kif fil-fatt ghamlet. Fil-karozza kien hemm ukoll omm Alwakil, li wassluha d-dar taghha, imbaghad marru l-ghassa biex hu jaghmel ir-rapport lill-Pulizija. Hu jghid li l-ahhar darba li ra lil Alwakil kien quddiem il-Velvet Lounge.

13. Il-Qorti tosserva li fil-waqt li fir-rapport originali tieghu l-imputat jghid li quddiem il-Velvet Lounge, Alwakil kien aggredih b'sikkina ta' cirka tletin centimetru (30cm), fix-xhieda tieghu jghid li kien aggredieh b'hadida. Min-naha l-ohra fl-istqarrija tieghu jghid li Alwakil aggredieh b'hadida jew sikkina. Fl-istqarrija jghid ukoll li wara din il-glieda quddiem il-Velvet Lounge, huwa mar wahdu hdejn il-bahar. Imbaghad cemplitlu ommu biex imur id-dar, kif fil-fatt ghamel, u hu qalilha x'gara. Wara xi ghaxar minuti rega' hareg mid-dar u mar l-istabbiliment Babylon, li jinsab ezatt hdejn ir-residenza tieghu. Fl-istqarrija tieghu jghid ukoll li ftit wara giet Clara Farrugia il-Babylon, u wara ftit hu telaq minn hemm u rega' mar hdejn il-bahar, ghax jghid li Farrugia qaltlu li Alwakil kien gej il-Babylon ukoll. Fil-fatt jghid li fit-triq hu ra lil Alwakil gej, u telaq jigri hdejn il-bahar. Waqt li kien hdejn il-bahar, Alwakil mar jghajjat quddiem id-dar t'ommu, izda ommu cemplet lill-Pulizija li gew u waqaf l-ghajjat. Imma mbaghad Alwakil rega' mar jghajjat quddiem id-dar t'ommu. Sussegwentement gabritu ommu bil-karozza flimkien ma' omm Alwakil.

14. Din il-verzjoni tal-fatti li l-imputat ta waqt l-istqarrija hija inkonsistenti f'diversi punti mal-verzjoni tal-fatti li ta waqt ix-xhieda tieghu.

15. In oltre l-ebda wahda minn dawn iz-zewg verzjonijiet tal-imputat ma jaqblu ma' dik li xehdet ommu Wafaa Sadan. Sadan xehdet li Alwakil mar jghajjat quddiem il-gallerija taghha b'sikkina f'idu, izda tfajla haditlu s-sikkina minn idu u qalet li se tatiha lil ommu. Ftit wara gie l-imputat li kellu daqqa fuq spaltu. Sadan tghid li l-imputat rega' hareg ma' shabu b'karozza tal-ghamla BMW. Ftit wara rega' mar Alwakil jghajjat quddiem id-dar taghha, u mieghu kien hemm it-tfajla tieghu. Hi tghid li Alwakil dar mal-kantuniera, u wara zewg minuti gie lura b'daqqa zghira ta' sikkina f'idu li qal li ghamilielu l-imputat, ghalkemm l-imputat ma kienx hemm.

16. Pero f'dan il-kunflitt ta' verzjonijiet, huma ta' importanza kbira l-voice messages fuq il-WhatsApp li kien hemm bejn omm l-imputat, Wafaa Sadan u omm Alwakil, Fatima Warfah *a tempo vergine*.[2] F'dawn il-messaggi l-ewwel tinstema omm l-imputat tilmeta li Alwakil mar quddiem id-dar taghha jghajjarha u jheddidha. Hi tghid ukoll li kien hemm tfajla tigri warajh. Imkien ma issemmi f'dawn il-messaggi li Alwakil kellu sikkina f'idu meta mar jghajjarha quddiem id-dar taghha. Tghid ukoll li l-imputat qalilha li Alwakil kien tah daqqa bil-mus. Dawn il-voice messages saru fil-21 ta' Novembru 2021 bejn 02:56hrs u 3:11hrs. Fit-3:42hrs, omm l-imputat regghet baghtet messagg lil omm Alwakil li hi u l-imputat kienu qieghdin l-Ghassa tal-Pulizija *"ghal Seyfedine ghal probation"*. Fit-3:42hrs ukoll, omm Alwakil qaltilha li Alwakil kien ghadu ma irritornax lura d-dar. Fl-4:09hrs, omm Alwakil qalet lil omm l-imputat, li Alwakil kien gie lura *"b'toqba f'idu"* u qed jghid l-imputat weggghu b'mus.

17. Dawn il-voice messages imeru ghal kollox il-verzjoni kemm ta' omm l-imputat u anke parti sostanzjali mill-verzjoni tal-imputat stess. Minn dawn il-voice messages jirrizulta bl-iktar mod car li omm l-imputat u l-imputat ma marrux l-ghassa tal-Pulizija wara li omm l-imputat rat lil Alwakil ferut, kif xehdet hi, izda marru l-ghassa qabel, u omm Alwakil ma kinietx rikba fil-karozza maghhom. Fil-fatt mill-voice messages jirrizulta li omm Alwakil informat lil omm l-imputat, li binha Alwakil kien irritorna d-dar ferut, waqt li l-imputat u ommu kienu l-Ghassa tal-Pulizija.

18. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti kif diga qalet tqis li l-verzjoni tal-fatti ta' Clara Farrugia u Alwakil hija l-verzjoni veritiera. Pero l-Qorti tirrileva li fil-waqt li Alwakil qal lill-Pulizija u lil ommu qalilhom li l-imputat ikkagunalu l-ferita b'mus, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti hu jghid li l-imputat ikkagunalu l-ferita b'sikkina. Pero, kif diga inghad mill-kumpless tal-provi, l-Qorti hija sodisfatta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li kien l-imputat li voluntarjament ikkaguna l-ferita f'idejn Alwakil bi strument jaqta' u bil-ponta.

19. Meta irrealizza l-gravita tal-eghmil tieghu, anke ghax dak iz-zmien l-imputat kien taht ordni ta' probation, l-imputat mar flimkien ma' ommu jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija, li kien Alwakil li aggredieh b'sikkina quddiem l-istabbiliment Velvet Lounge. Ovvjament hu ghamel dan ir-rapport sabiex hekk Alwakil jirraporta l-akkadut, ikun

[2] Ara fol. 259 sa fol 261 tal-process.

hemm diga r-rapport tal-imputat. Pero, b'hekk l-imputat *shot himself in the foot*, ghax ghalkemm ma jidhirx li Alwakil kien bi hsiebu jirraporta l-incident, konsegwenza tar-rapport tieghu stess, il-Pulizija bdiet bl-investigazzjoni taghha, li wasslu ghal dawn il-proceduri kontrih. Tajjeb jinghad li mill-provi ma jirrizultax li Alwakil effettivament aggredixxa lill-imputat b'sikkina quddiem il-Velvet Lounge, u sussegwentement fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri l-imputat jghid li aggredieh b'hadida, u mhux b'sikkina. Pero fi kwalunkwe kaz ma jidhirx li l-imputat sofra xi griehi f'dan l-incident quddiem il-Velvet Lounge. Ghalkemm jirrizulta xi hin wara l-glieda quddiem il-Velvet Lounge Alwakil ukoll kellu sikkina f'idejh, pero ma jirrizultax li ikkaguna xi ferita lil xi hadd, grazzi ghall-intervent ta' Clara Farrugia.

20. Kemm fir-rapport tieghu lill-Pulizija kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Alwakil kien konsistenti li l-imputat ipprova jtih daqqa' ta' sikkina go wiccu u sussegwentement go zaqqu, u biex jilqa' d-daqqa hareg idejh, u d-daqqa' ta' sikkina hadha fuq drieghu tal-lemin. L-espert mediko-legali Dr Mario Scerri, mahtur minn din il-Qorti, wasal ghal konkluzjoni li l-ferita kienet twila 1.8 centimetri u wiesa 0.4 centimetri, u kienet rizultat ta' incizjoni li saret bi strument li jaqta'. Kellem jigu nseriti xi suturi fuq din il-lezjoni li kienu fuq l-aspett laterali tat-tarf tad-drigh tal-lemin, u iffurmat cikatrici li kienet tidher sew *within talking distance.*

21. Il-prosekuzzjoni qieset din il-ferita bhala *defensive wound* li setgha kellha konsegwenzi hafna iktar serji, u ghalhekk l-ewwel imputazzjoni hija dik t'attentat ta' ferita gravi. Il-Qorti taqbel li din il-ferita ghandha titqies bhala *defensive wound*, u dan ghax apparti x-xhieda ta' Alwakil, huwa lampanti li min imur jagredixxi lil persuna ohra b'strument jaqta' u bil-ponta ma jaghmilx dan biex jikkaguna biss feriti ta' natura hafifa. Ghaldaqstant, din il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu u cioe dik t'attentat ta' ferita gravi.

22. Il-Qorti tifhem li t-tieni imputazzjoni, u cioe dik ta' li l-imputat ikkaguna ferita ta' natura hafifa giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, u ghalhekk se tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

23. It-tielet imputazzjoni hija dik li l-imputat kellu fil-pussess tieghu il-barra minn xi fond jew d'intorni tieghu, strument jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi li l-imputat ma kellux licenzja li jgorr

strument jaqta' u bil-ponta fuqu u konsegwentement se tilliberah minn din l-imputazzjoni.

24. Ir-raba' imputazzjoni, u cioe l-kontravvenzjoni li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied tirrizulta wkoll ippruvata mill-provi migbura.

25. Il-hames imputazzjoni hija li ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation, li giet ippruvata stante li giet ezebita s-sentenza kontra l-imputat moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Gunju 2020.

26. Rigward l-addebitu tar-recidiva, jidher li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza din it-talba taghha fuq l-istess sentenza tat-13 ta' Gunju 2020, fejn l-imputat instab hati ta' diversi reati, stante li dik l-unika kundanna li kellu fil-fedina penali tieghu meta tressaq b'arrest f'dawn il-proceduri. Pero f'dik is-sentenza, kif diga inghad, l-imputat ma inghatax piena, imma tqieghed taht ordni ta' probation. L-Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi hekk:

*"Bla hsara ghal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun."*

27. L-eccezzjonijiet ghal din ir-regola jinsabu fl-istess Artikolu 25(1) u l-Artikolu 25(3) tal-Kapitolu 446. L-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-recidiva, m'huwiex inkluz bhala wiehed minn dawn l-eccezzjonijiet. Ghalhekk id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-imputat u li temmew bis-sentenza tat-13 ta' Gunju 2020 li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ma tistax titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva.[3] Il-Qorti tosserva wkoll li l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali lanqas gew elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

[3] Ara fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** deciza fis-17 ta' Settembru 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) *per* Imhallef David Scicluna.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

28. Fl-ikkalibrar tal-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta zghira tal-imputat u l-fatt li hu diga kellu kundanna wahda minn dawn il-Qrati ghal diversi serq ikkwalifikat u hsara volontarja, u fuq ammissjoni tieghu stess tqieghed taht ordni ta' probation ghal tlett snin. L-imputat kellu biss l-eta ta' sittax (16)-il sena meta ikkometta dawn ir-reati.

29. Pero jidher li din l-ordni ta' Probation ma tantx swiet ta' ghajnuna ghall-imputat ghaliex mhux biss ikkometta r-reati li taghhom din il-Qorti sabitu hati f'dawn il-proceduri, izda wara biss xahar li hu inghata l-helsien mill-arrest minn din il-Qorti, huwa ikkommetta reati ohra ta' serq ikkwalifikat, danni volontarji u ghamel rezistenza kontra ufficjali pubblici, li taghhom instab hati fuq ammissjoni tieghu stess, u bhalissa qed jiskonta sentenza ta' tletin (30) xahar prigunerija, u tqieghed taht ordni ta' trattament.[4]

30. Fix-xhieda taghha, l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard li kienet qed issegwi lill-imputat taht l-ordni ta' probation u sussegwentement issa qed issegwieh taht l-ordni ta' trattament qalet li l-imputat ghandu principalment problema ta' abbuz ta' alkohol pero ghandu wkoll problema ta' abbuz ta' sustanzi illeciti. Huwa irregistra progress kemm ilu l-habs u kien qieghed jikkollabora maghha, kif ukoll mal-care plan co-ordinator u l-psikjatra tieghu, u fil-fatt jiddependi mill-ezitu ta' din il-kawza, kien hemm il-hsieb li l-imputat jaghmel programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga. Jidher li l-imputat huwa motivat li jaghmel dan il-programm.

31. Mill-assjem tal-provi migbura, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat m'hux kapaci jindirizza l-problema akuta tal-abbuz ta' alcohol u tat-tossikodipendenza tieghu jekk dan ma jaghmlux f'ambjent konfinat tal-habs. Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation jidher li l-imputat wkoll jirrikonoxxi dan il-fatt.

32. In oltre, din il-Qorti hija tal-opinjoni li fil-kaz odjern japplika wkoll l-insenjamet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**, deciza fit-30 ta' Lulju 2004:

[4] Ara sentenza ta' din il-Qorti preseduta mill-magistrat Nadine Lia tat-12 ta' Mejju 2022 a fol. 144 u a fol. 276 tal-process.
[5] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirriprestinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventerat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."* (ara fl-istess sens **Il-Pulizija vs Peter Camilleri et** deciza fid-29 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri).[6]

33. Din il-Qorti trid ukoll tittratta mal-imputat ghal ksur tal-ordni ta' probation li giet imposta fuqu bis-sentenza tat-13 ta' Gunju 2020. B'din is-sentenza, l-imputat instab hati, fuq ammissjoni tieghu ta' zewg serqiet ikkwalifikati bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz u bil-hin, serqa ikkwalifikata bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz u bil-hin, attentat serq ikkwalifikati bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz u bil-hin, tlett imputazzjonijiet ta' hsara volontarja li teccedi l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) u imputazzjoni ta' hsara volontarja li ma teccedix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) izda li hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250). Tenut kont li l-imputat kellu sittax (16)-il sena meta ikkometta dawn ir-reati, il-Qorti se tnaqqas il-piena b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali.

34. Din il-Qorti ma tarax il-htiega li tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trattament. Fl-ewwel lok, huwa diga qed jigi segwit b'ordni ta' trattament ghal tlett snin, in segwitu ghas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, u li beda jiddekorri minn din l-istess data. In oltre, il-Qorti temmen li sabiex programm ta' riabilitazzjoni ikun success din ghandha tkun triq li jghazel hu b'mod volontarju u determinat. L-imputat diga ghandu l-care plan worker co-ordinator u l-psikjatra tal-habs jassistuh biex jaghmel dan.

[6] *Per* Imhallef Michael Mallia.

**Konkluzjoni**

35. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddiciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikoli 214, 215, 221(1) u (2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 ta' Ottubru 2022, b'riferenza ghat-tieni imputazzjoni fic-citazzjoni.

2. Tillibera lill-imputat mir-reati kontemplati fl-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, elenkati fl-istess nota ta' rinviju ghall-gudizzju;

3. Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(b)(c)(d), 217 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fuq imsemmija issibu hati tar-reati fihom kontemplati u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sentejn.

4. In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tat-13 ta' Gunju 2020 maghmul minn din il-Qorti, diversament preseduta,[7] u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 216(b)(c)(f), 263, 267, 270, 279(a)(b), 280(2), 325(1)(a)(b), 41(1)(a) u 37(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' sittax (16) -il xahar prigunerija effettiva.

   B'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin u erba' (4) xhur prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel arrestat in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

[7] *Per* Magistrat Yana Micallef Stafrace.

5. In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar (1) minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

6. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Sammy Alwakil. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

7. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**